# Nicolina

***kitba ta' Raymond Sant***

Drawwa li ftit ftit qiegħda tgħib minn pajjiżna, hija li l-ġenituri jsemmu 'l uliedhom. Għall-qaddis patrun tar-raħal tagħhom. Ma kienx jonqos għalhekk li fis-Siġġiewi għadd ġmielu la trabi kien jingħatalhom l-isem Nikola jekk tifel, filwaqt li *Nicolina* jekk it-tarbija tkun tifla.

Iżda l-isem tal-patrun, San Nikola ma ngħatax biss lit-trabi Siġġiwin. Fil-fatt l-akbar qanpiena fost is-sett ta' qniepen ġodda li tpoġġew fl-1948 fil-kampnar tal-knisja parrokkjali, ingħatat l-isem ta' *Nicolina* wkoll.

Jidher li din ma kinitx l-ewwel okkażjoni fejn l-isem *Nicolina* ġie adottat minbarra fl-ismijiet tat-trabi. Il-Professur Nikola Zammit flimkien mal-ħbieb tiegħu li kienu waqqfu għaqda mużikali fis-Siġġiewi fl-1883 iddeċidew li din il-banda ġġib l-isem ta' *Nicolina*. Aktar tard, dan l-isem ta' din il-banda nbidel għal dak li għadu magħruf sal-lum jiġifieri, Każin Banda San Nikola.

L-isem *Nicolina* niltaqgħu miegħu fil-programm li aktar minn 100 sena ilu l-Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat Malta kienet ippubblikat fl-okkażjoni tal-festi li saru fir-Rabat f'ġieħ il-Konti Ruġġieru nhar 24 ta' Settembru 1893. Fl-okkażjoni ta' din il-festa Nazzjonali l-Banda *Nicolina* tas-Siġġiewi kienet mistiedna u tat is-sehem tagħha.

X' se' isir fil Festa.

Nhar il-Hadd 24 ta Settembru, fis 7 ta fil ghodu, li Statua tal CONTI RUGGIERU tittiched bil Banda u tigi imkieghda fil post tahha fuk is-Sakkaja.

Fid-9 iduru bil Banda u 'l paljiet tat-tigria ma li Mdina u 'r-Rabat.

F'nofsnhar, uara sarbut masceli, maghmul bhala salut, il Banda *Conti Ruggieru*, iddur mat-torok tar-Rabat bil marċ, jitcanta ucoll Innu mit-tfal, maghmul ghal apposta, li igheidu ù salieh uisk.

Fit-3 il Banda tas-Siggieuj—*Nicolina*—tibda iddokk fuk is-Sakkaja sa l'4 u nofs.

Fl'4 u nofs jibdeu it-tigrijet.

Fis-6 tibda il mixilgha, fuk is-Sakkaja u f'xi torok ohra tar Rabat; imbaghad is-Società tal Banda *Conti Ruggieru* tibda iddokk fuk is-Sakkaja, fein jitcanta ucoll Innu grazius mill'actar, li ùa maghmul ghal dil festa.

Fil 10 seu jibda il gigdifogu.

*Id-Direzioni tal Festa.*

***(Kopja tal-programm meħud mill-ktieb 'Il-Miġja tal-Conti Ruġġieru f'Malta' stampat f'Awissu ta' l-1893 għand C. Busuttil, 133 Strada Forni l-Belt. Dan il-ktieb ħareġ fl-okkażjoni ta' l-ewwel festa Nazzjonali lill-Konti Ruġġieru li kienet saret fir-Rabat fl-24 ta' Settembru 1893, okkażjoni li għadha tiġi ċċelebrata kull raba' Ħadd ta' Settembru.)***

***Ħajr lis-Sur Manuel Sapiano mir-Rabat.***